



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 23.03.2017  
C(2017) 1761 final

Dr Luciano BUSUTTIL  
Chairperson tal-Komitat Permanenti  
għall-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-  
Kamra tad-Deputati  
Il-Palazz  
MT – VALLETTA VLT 1115

cc: Dr Anġlu FARRUGIA  
Il-President tal-  
Kamra tad-Deputati  
Il-Palazz  
MT – VALLETTA VLT 1115

*Sur President,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tiringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni tagħha dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) {COM(2016) 591 final} ("il-proposta BEREC").*

*Din il-proposta tiffirma parti minn pakkett ambizzjuż tar-regoli tat-telekomunikazzjoni tal-UE maħsuba biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-konnettività dejjem akbar taċ-ċittadini Ewropej u n-negozji u jagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa<sup>1</sup>. Bil-proposta tagħha ta' dawn il-miżuri, il-Kummissjoni qed tagħmel tajjeb fuq il-wegħdiet fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Mejju 2015, Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa<sup>2</sup>, li tippreżenta riforma ambizzjuża tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi bl-għan li, fost l-oħrajn, tiżgura li jkun hemm regolamentazzjoni aktar effikaċi tal-qafas istituzzjonali li tagħmel ir-regoli tat-telekomunikazzjoni adattati għall-iskop tagħhom bħala parti mill-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għas-Suq Uniku Diġitali.*

*Il-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjoni Elettronika {COM(2016) 590 final/2} il-ġdid propost jafda lill-BEREC b'kompiti addizzjonali li jgħinu biex jiġi żgurat li l-qafas regolatorju jiġi implimentat b'mod konsistenti u jrawwem l-iżvilupp tas-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi madwar l-Unjoni. Din il-proposta, flimkien mal-proposta BEREC, għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rwol istituzzjonali tal-BEREC u ttejjeb l-istruttura ta' governanza tagħha billi din tinbidel f'aġenzija sabiex tagħmliha adatta għall-fini li jitwettqu l-kompiti futuri tagħha.*

<sup>1</sup> [http://europa.eu/rapid/press-release\\_IP-16-3008\\_en.htm](http://europa.eu/rapid/press-release_IP-16-3008_en.htm).

<sup>2</sup> COM(2015) 192 final.

*Il-Kummissjoni tilqa' bi pjaċir l-opinjoni pożittiva tal-Kamra tad-Deputati dwar il-konformità tal-proposta mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-appoġġ ġenerali tagħha għall-miri tal-pakkett, b'mod partikolari l-ħtieġa għal sostenn tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' approċċ ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Madankollu, hija tinnota l-preferenza tagħha li jiġu introdotti biss aġġustamenti żgħar għall-istruttura attwali tal-BEREC kif ukoll id-dubji tagħha dwar it-trasformazzjoni tal-BEREC f'aġenzija tal-UE, l-estensjoni tal-poteri tiegħu li hija tara bħala għas-spejjeż tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u r-rwol futur tal-Kummissjoni fl-aġenzija l-ġdida.*

*Il-Kummissjoni għandha pjaċir b'din l-opportunità li tipprovdi numru ta' kjarifiki dwar il-proposta tagħha u temmen li dawn se jindirizzaw it-tħassib espress mill-Kamra tad-Deputati.*

*Kif tinnota l-Kamra tad-Deputati fl-Opinjoni tagħha, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-uffiċċju tiegħu {SWD(2013) 152 final} ikkonkluda li l-BEREC qed taħdem pjuttost tajjeb b'mod ġenerali iżda għad hemm lok ta' titjib fil-mod kif inhu stabbilit.*

*Madankollu, kif indikaw bosta mill-partijiet interessati matul il-konsultazzjoni pubblika tal-2015, l-istruttura istituzzjonali attwali tal-BEREC tillimita l-abbiltà tagħha li tiffoka fuq approċċ aktar armonizzat għas-suq uniku. F'mument meta huwa kritiku li jsir progress lejn Suq Uniku Diġitali, jinħtieġ li l-miżuri proposti jiżguraw li l-aġenzija tipprovdi pjattaforma għall-kooperazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali regolatorji kollha u bl-enfasi u d-direzzjoni strateġika Ewropea meħtieġa.*

*Barra minn hekk, fir-Riżoluzzjoni tiegħu msejħa "Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali" fid-19 ta' Jannar 2016, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex is-Suq Uniku Diġitali tintegrah aktar billi tiżgura li fis-seħħ ikun hemm qafas istituzzjonali aktar effiċjenti. B'mod partikolari, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni biex tiżgura qafas istituzzjonali aktar effiċjenti, li ssaħħaħ ir-rwol, il-kapaċità u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BEREC, kif ukoll li ttejjeb ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha u tkompli ttejjeb l-istruttura ta' governanza tagħha.*

*Matul ix-xogħol preparatorju tal-miżuri proposti, il-Kummissjoni identifikat ukoll il-ħtieġa ta' simplifikazzjoni tal-istruttura kumplessa attwali tal-BEREC li bħalissa tikkonsisti f'żewġ Bordijiet paralleli, sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-koerenza tagħha u tiġi evitata d-duplikazzjoni. Il-valutazzjoni tal-istruttura istituzzjonali attwali tefgħet dawl fuq l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-Uffiċċju tal-BEREC bħala aġenzija li tipprovdi appoġġ lill-BEREC u titqajjem b'urġenza l-ħtieġa li jsir progress lejn integrazzjoni tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC fl-istrutturi u l-funzjonijiet tal-aġenziji moderni tal-UE b'iktar kompiti u responsabbiltà, simili għal dawk li jeżistu f'setturi oħra (pereżempju, l-enerġija u s-servizzi finanzjarji)<sup>3</sup>. L-objettiv huwa li tiġi stabbilita struttura ta' governanza adattata għall-iskop tagħha għall-isfidi dejjem jikbru filwaqt li jitqiesu r-rwol u l-kompiti li żdiedu b'mod sinifikanti li se jwettaq il-BEREC fil-futur biex itejjeb ir-regolamentazzjoni konsistenti madwar l-UE. Dan għandu jimmira lejn is-simplifikazzjoni tal-proċessi, u jfassal struttura ta'*

<sup>3</sup> SWD(2016) 313.

*governanza adegwata u bbilanċjata li tippermetti proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet aħjar u tkun aktar effiċjenti f'termini ta' riżorsi finanzjarji u umani.*

*Il-miżuri proposti attwali għandhom isaħħu r-rwol tal-BEREC fil-promozzjoni tas-Suq Uniku Diġitali u jggarantixxu l-indipendenza u l-għeruq fis-sod tal-aġenzija tal-għarfien espert tal-ARN, filwaqt li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali se jkomplu jaqdu rwol ċentrali fil-politika regolatorja. L-istruttura istituzzjonali l-ġdida tal-BEREC se tkun konformi mal-prinċipji komuni għal aġenziji deċentralizzati tal-UE, miftiehma mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fl-2012<sup>4</sup> filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità u l-konsistenza tal-azzjoni tal-BEREC. Dawn il-prinċipji għandhom l-għan li jiżguraw li l-aġenziji tal-UE jaħdmu fil-qafas istituzzjonali tal-UE b'mod koerenti, effettiv, responsabbli u trasparenti.*

*Il-BEREC se jkollu personalità ġuridika (bħalissa huwa biss l-Uffiċċju tal-BEREC li għandu personalità ġuridika) u awtonomija mill-Istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri filwaqt li jkompli już l-esperjenza u l-għarfien espert tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. F'konformità mal-Approċċ Komuni, il-Kummissjoni se twettaq il-proċedura tal-ewwel għażla għal Direttur Eżekuttiv għall-Bord ta' Tmexxija. Sabiex tiġi ggarantita l-awtonomija tal-aġenzija, huwa l-Bord tat-Tmexxija li se jaħtar lid-Direttur Eżekuttiv. L-attivitajiet tal-BEREC, se jkunu soġġetti għall-inkjesti tal-Ombudsman Ewropew, għall-investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u għall-verifiki mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-Kummissjoni se tiżgura l-ħidma legali tal-aġenzija.*

*Il-kompiti futuri tal-BEREC ma jiċċentralizzawx is-segħat u mhumiex għad-detriment ta' dawk tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali iżda, għall-kuntrarju, jirriflettuhom f'dawk l-oqsma fejn huwa meħtieġ l-angolu tal-UE (id-dimensjoni transfruntiera, il-ħtieġa għal proċedura tas-suq intern bħall-mekkaniżmu "double-lock" għar-rimedji tas-suq, eċċ.) u fejn il-BEREC jista' jgħin lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod konsistenti. Ir-rwol tal-Kummissjoni fl-istrutturi tal-aġenzija l-ġdida huwa li tiżgura perspettiva tal-UE.*

*Fi ftit kliem, il-miżuri proposti għat-ikabbir tal-kompiti u t-twaqqif ta' struttura ta' governanza effiċjenti għandhom jggarantixxu li l-BEREC ikun f'pożizzjoni aħjar biex jgħin il-membri kostitwenti tiegħu u, flimkien ma' kompetenzi msaħħa u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jiżgura applikazzjoni konsistenti u prevedibbli tar-regoli fis-Suq Uniku Diġitali kollu.*

*L-Opinjoni tal-Kamra tad-Deputati għet mgħoddija lir-rappreżentanti tal-Kummissjoni fin-negozjati li jinsabu għaddejnin mal-koleġislaturi u se tinforma dawk id-diskussjonijiet.*


*Il-punti magħmula hawn fuq huma bbażati fuq il-proposta inizjali ppreżentata mill-Kummissjoni li bħalissa hija fil-proċess leġiżlattiv li jinvolvi kemm lill-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Kunsill.*

---


<sup>4</sup> Cf. [https://europa.eu/european-union/about-eu/agencies/overhaul\\_en](https://europa.eu/european-union/about-eu/agencies/overhaul_en)

*Il-Kummissjoni tittama li l-kjarifiki pprovduti f'din it-tweġiba jindirizzaw it-tħassib imsemmi mill-Kamra tad-Deputati u tinsab ħerqana li tissokta d-djalogu politiku tagħna fil-ġejjieni.*

*Dejjem tiegħek,*

A handwritten signature in black ink, appearing to be 'Frans Timmermans', with a long horizontal line extending to the right.

*Frans Timmermans  
L-Ewwel Viçi President*

A handwritten signature in black ink, appearing to be 'Andrus Ansip', written in a cursive style.

*Andrus Ansip  
Il-Viçi President*